**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2020;**

**<u>Rikors nru: 128/2020 AGV :</u>**

**AB**

**U**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' A u CB** datat 14 ta' Mejju 2020 , fejn ppermettew u talbu is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil- 21 ta' Gunju 1997, liema zwieg huwa registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, taht in-numru progressiv 988/1997.
2. Ili tul daz-zwieg taghhom huma ghandhom tlett itfal bl-isem ta' D li twieled fit- 2 ta' Mejju 2002, E, li twieldet fis- 26 ta' Gunju 2002, u F li twieled fl- 1 ta' Awwissu 2013.

3. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw s-sepazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Silvana Borg Caruana datat 30 ta' Settembru 2015;
4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi l-partijiet ghexu flimkien ghall-perjodu ta' mill-inqas erba' snin matul l-ahhar hames snin u llum kull parti tghix hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi kwalsiasi mantenimenti huwa mhallas u ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet;
7. Illi l-partijiet jaqblu li jkunu rapprezentanti minn legali uniku;
8. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jisodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fi zmien prefiss mlil-istess Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun registrat fir-registru pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**